**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 30 TA' APRIL, 2002

**Numru: 17**

**Avviz Nru: 396/02AE**

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Roberta Parnis u l-istess Roberta Parnis**

**Vs**

**Costantino Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu qieghed jintalab il-hlas ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u centezmu (Lm228.01),

in kwantu ghas-somma ta’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltija (Lm128.01) lis-socjeta attrici assikuratri u Lm100 lill-attrici Roberta Parnis, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru DAJ 251 fis-17 ta’ Jannar 2001 gewwa l-Furjana habat mal-vettura numru ONE 946 propjeta ta’ Roberta Parnis u kkaguna danni f’din l-istess vettura.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta t-talba ta’ l-atturi.

Semgha x-xhieda li tressqu.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkundisra:

1. Fis-17 ta’ Jannar 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa l-Furjana bejn il-vettura ONE 946 (misjuqa mill-attrici) u l-vettura bin-numru DAJ 251 (misjuqa mill-konvenut).

2. L-incident sehh vicin il-monument ta’ l-Indipendenza. L-attrici kienet qeghda ssuq fid-direzzjoni tal-belt Valletta, filwaqt li l-konvenut kien tiela’ minn Triq Marsamxetto u ried jikser ghal fuq il-lemin tieghu sabiex isuq fid-direzzjoni tad-Depot, Furjana.

3. Huwa minnu li min jallega jrid jipprova (*iuxta allegata et probata*), u meta l-verzjonijiet moghtija taz-zewg partijiet huma kredibbli u verosimili, it-Tribunal ma jistax jiddeciedi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti li jemani l-bilanc tal-probabiltajiet favur l-istess attur.

4. Min-naha l-ohra huwa fatt li f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident l-attrici kellha d-dritta. Il-konvenut xehed li l-ewwel darba li ra l-vettura misjuqa mill-attrici din kienet quddiem il-monument ta' l-Indipendenza. It-Tribunal huwa tal-fehma li peress li vetturi (bhal dik tal-konvenut) ikunu ser jaqsmu l-*line of traffic* meta jiksru ghal fuq il-lemin, din il-manuvra trid issir bl-ikbar attenzjoni sabiex ma jkunux ta' ostakolu ghat-traffiku. Meta ra l-vettura misjuqa mill-attrici l-konvenut kellu jnaqqas l-*ispeed* u jhalliha tghaddi qabel ma jibqa' hiereg.

5. Is-*site plan* li giet prezentata mill-konvenut (Dok. CM1) m'hijiex ta' konfort ghat-tezi tal-konvenut. Il-konvenut ipprova jwaddab il-htija fuq l-attrici billi qal li fil-hin ta' l-incident il-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu kienet ghadha in linja mat-*traffic island* li hemm f'dik il-parti tat-triq fejn sehh l-incident, u li kienet l-attrici li baqghet diehla fil-vettura tieghu. Mill-provi rrizulta li fil-hin ta' l-incident il-konvenut ma kienx wieqaf jistenna li l-vettura ta' l-attrici tghaddi. Is-*site plan* stess turi li l-vettura tal-attrici hadet il-posizzjoni taghha fit-triq sabiex issuq fid-direzzjoni ta' Triq Marsamxetto. Mill-provi

ma rrizultax li l-attrici marret fuq in-naha l-ohra tat-triq. L-argument tal-konvenut li l-attrici messha ghaddiet minn fuq in-naha tax-xellug ma jregix. Kien il-konvenut li qasam it-trajettorja li minnha kienet ghaddejja l-attrici fil-hin ta' l-incident, u fic-cirkostanzi jrid jaghmel tajjeb ghal ghemilu.

6. It-Tribunal ma jistax jara li l-attrici b'xi mod kienet responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza jew kellha htija kontributorja. Fix-xhieda taghha rrizulta li kienet attenta ghall-vetturi li ghaddejjin kemm minn fuq ix-xellug u kif ukoll minn fuq il-lemin. Sahansitra kkonfermat li l-ewwel darba li rat il-vettura misjuqa mill-konvenut kien meta din waqfet fuq l-*istop sign*, igifieri qabel ma kiser ghal fuq il-lemin tieghu.

7. Dwar il-quantum ta' danni reklamati dawn ma gewx kontestati mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fis-17 ta' Jannar 2001 gewwa l-Furjana bejn il-vettura ONE 946 misjuqa mill-attrici u l-vettura bin-numru DAJ 251 misjuqa mill-konvenut.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u centezmu (Lm228.01).

Bl-imghax (mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba) u bl-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**